ŻABBAR
*Città Hompesch*

# Minuti tar-raba' laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Ir-raba' laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru, 2010. Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u s-Sur Luciano Farrugia.

Iċ-*Chairperson*, is-Sinjura Debattista kienet skużata.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-tielet laqgħa ġew approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia staqsa jekk il-Kumitat kienx kiteb dwar il-*plots* vojta li hemm f'St Peter's li qed iservu ta' *dumping sites*. Is-Segretarju qal li dawn l-ilmenti qed jitressqu lill-MEPA biex tittieħed azzjoni dwarhom.

Is-Sur Clews staqsa jekk ingħatatx risposta għall-ittra dwar l-art li hemm fi Triq l-Għakrux u li l-Kumitat jixtieq li tiġi mibdula f'post ta' rikrejazzjoni. Is-Segretarju qal li l-Kumitat kien għadu ma rċieva l-ebda risposta mid-Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sur Clews talab li tintbgħat ittra oħra fejn il-Kumitat jesieġi li għandu jingħata tweġiba dwar jekk din l-art hix pubblika jew le.

Item 4 – Korrispondenza

Dwar l-ittra li ntbgħatet lill-Kap Eżekuttiv ta' Smart City Malta, is-Sur Clews tkellem dwar il-ħsejjes li qed ikun hemm fiż-żona ta' St Peter's riżultat tax-xogħol li qed isir minħabba dan l-iżvilupp. Il-Viċi-*Chairperson* ippropona li l-Kumitat jikteb lill-Ministeru għall-Ambjent biex tiġi stabbilita l-intensità tal-ħsejjes li qed ikun hemm fiż-żona ta' St Peter's kawża tal-proġett Smart City.

<u>Item 5 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-ħsieb tal-Kumitat Amministrattiv li jorganizza laqgħa għar-residenti ta' St Peter's biex jispjega x-xogħol li qed jippjana li jwettaq il-Kumitat kif ukoll jisma' l-ilmenti u suġġerimenti tar-residenti.

Is-Sur Clews tkellem dwar il-possibilità li jiġi stampat *leaflet* informattiv biex jitqassam f'kull residenza f'St Peter's sa l-aħħar ta' din is-sena.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-ħames laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 28 ta' Ottubru, 2010.

Norman Clews
Viċi-*Chairperson*